# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 25**

**Avviz numru 97/90/SM**

**Dottor Remigio Zammit Pace ghan-nom ta' Elmo Insurance Services Ltd u din in rappresentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance & London plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Borg u b'permezz ta' nota tad-19 t'Ottubru 2000 il-kumpanija Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal and Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Borg assumiet l-atti minflok Dottor Remigio Zammit Pace nomine.**

**vs**

**Lawrence Ciantar fil-kapacita' tieghu ta' Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u in rapprezentanza tal-istess.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Jannar ta' l-1990 li permezz tieghu ssejjah il-konvenut nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas u jirrifondi lill-attur nomine s-somma ta' mija wiehed u tletin Lira Maltin, (LM131.00,0), rapprezentanti ammont sborsat mill-attur nomine sabiex tissewwa l-hsara kagunata f'apparat elettriku ta' Anthony Borg bhala rizultat ta' "overloading" fis-sistema elettrika u ghal liema danni kellha taghmel tajjeb il-kumpanija attrici in forza ta' polza ta' assikurazzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Frar ta' l-1990 li permezz taghha l-konvenut nomine eccepixxa s-segwenti:**

**Illi l-Korporazzjoni Enemalta m'hiex responsabbli ghall-ebda hsara kagunata kif allegat;**

**Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-5 ta' Gunju ta' l-1990 li permezz tieghu William Cassar Torreggiani gie mahtur espert tekniku;**

**Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut nomine datata l-10 t'April ta' l-1997;**

**Rat in-nota responsiva ta' l-attur nomine datata d-19 ta' Mejju ta' l-1997;**

**Rat id-decizjoni ta' din il-qorti diversament preseduta datata t-30 ta' Gunju ta' l-1997 li permezz taghha ordnat il-prosegwiment tal-kawza;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ezaminat ir-relazzjoni peritali pprezentata mill-espert tekniku fis-6 ta' Novembru tas-sena 2001 in segwitu ta' l-inkarigu lilhu moghti fil-5 ta' Gunju ta' l-1990;**

**Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur nomine datata l-15 ta' Gunju ta' l-1999 ipprezentata fir-relazzjoni peritali fuq indikata;**

**Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur nomine datata s-6 ta' Dicembru tas-sena 2001 u n-nota responsiva tal-Korporazzjoni konvenuta datata s-7 ta' Dicembru tas-sena 2001;**

**Hadet konjizzjoni tal-verbal tar-rapprezjoni peritali datat is-27 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu informa lill-qorti li kien qed jissottometti ruhu ghar-relazzjoni de quo;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-perit tekniku de quo ikkonkluda kif gej:**

1. **"Illi l-Korporazzjoni EneMalta ma kienitx responsabbli ghall-hsara li saret fl-apparat tal-klijenti ta' l-attur minhabba li ma kienx Main Earth ghall-protezzjoni kemm ta' "appliances" u kemm ghas-sigurta' ta' min ikun fil-fond";**

2. **"Fil-fatt kien hemm rapport ta' "shocking" fil-lokal u ghalhekk kien qed isir testing tas-services tal-elettriku";**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda ragunijiet ghaliex ma taqbilx mal-konkluzjonijiet peritali u konsegwentement, filwaqt li taccethom taghmilhom taghha;**

**Ghaldaqstant in vista tal-premess filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**